MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 2374/2003/1

**Carmen Taliana**

**vs**

**Rita Borg ezercenti l-kummerc bhala**
**International Sales Direct**

**Il-Qorti,**

Fis-27 ta' Jannar, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Novembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u hamsa u sebghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm675.75) bhala danni sofferti mill-attrici in konnessjoni

ma’ kawza bl-avviz numru 1465/99 deciza kontra l-attrici mill-Qorti ta’ l-Appell nhar it-22 ta’ Novembru, 2002 u liema kawza kienet haditha l-konvenuta biex tiddefendiha hi, minghajr ma qatt dehret fil-Qorti u minghajr ma qatt innotifikat jew kellmet lill-attrici, bil-konsegwenza li l-kawza ntilfet kontra l-attrici;
Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra l-kapitolu prezentat mill-attrici fid-9 ta’ Jannar, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenuta. Ra li l-konvenuta baqghet ma dehritx.

Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenuta t-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta fil-kwalita` taghha premessa thallas lill-attrici s-somma ta’ sitt mija u hamsa u sebghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm675.75).

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.”

Il-konvenuta tattakka din is-sentenza fuq il-bazi tas-segwenti ilmenti:-

1. Gjaladarba fil-jum propost ghas-subizzjoni taghha t-Tribunal laqa' l-ispjega moghtija ghan-non-apparenza taghha fil-proceduri u l-istanza giet differita ghall-provi, il-kapitolu hekk prezentat fis-seduta precedenti ma kien baqalu ebda effett. Tikkontendi ghalhekk illi l-attrici htiegilha tipprezenta kapitolu iehor u t-Tribunal ma kienx guridikament korrett meta laqa' t-talba fuq il-konsiderazzjoni tal-kapitolu li kien gja in atti qabel tali differiment;

2. It-Tribunal mar kontra d-dettami tal-gustizzja naturali billi hi ma nghatatx l-opportunita` li tispjega n-nuqqas taghha;

3. Hi kellha raguni valida biex ma tattendix fl-udjenza tas-16 ta' Jannar 2004 meta l-kawza kienet imhollija ghas-subizzjoni taghha;

4. F' kull kaz il-kapitolu konfessat kellu jigi meqjus u apprezzat flimkien ma' kull prova ohra prodotta;

5. It-Tribunal ghadda ghall-gudizzju tieghu minghajr ma ezamina l-atti tal-kawza "Emanuel Grech *et* -vs- Carmen Taliana" (Avviz Numru 1465/99) deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Novembru 2002 u li fuqha l-attrici iffondat il-pretensjoni taghha ghar-rizarciment tad-danni;

L-attrici appellata ma wegbitx ghall-appell interpost. Naturalment dan ma jfisserx illi hi akkwiexxiet ghall-aggravji jew li din il-Qorti m' ghandhiex tezaminahom, senjatament in-nozzjoni guridika tal-kapitolu li fuqha s-sentenza appellata tinsab fondata;

Jibda biex jigi ri-affermat il-hsieb drabi ohra mtenni mill-Qrati taghna illi "il-materja tas-subizzjoni hija materja delikata u deciziva peress li biha jekk il-parti tonqos li tidher, il-kapitoli jittiehdu bhala konfessati u l-konvenut ikun impedut li jaghmel appell amenokke ma jiggustifikax il-kontumacja tieghu. Id-disposizzjonijiet relattivi tal-ligi ghalhekk ghandhom jigu segwiti *ad unguem*" - "**Dr. John Buttigieg LL.D., M.P. -vs- Michael Marletta**, Appell, Sede Inferjuri, 11 ta' Novembru 1986;

Hi ligi illi fejn parti tinqeda bil-procedura tal-kapitoli dawn jitqiesu mistqarra kemm-il darba ma tingiebx raguni tajba mill-parti msejha ghas-subizzjoni li minhabba fiha din il-parti tkun naqset li tidher. Ara Artikoli 698 (2) u 702 (3) tal-Kodici ta' Procedura;

Jinsab spjegat illi, "il-kawza gusta biex il-parti ma tidherx quddiem il-Qorti ghalkemm ikunu saru l-kapitoli kontra taghha, ghandha tikkonisti f' impediment legittimu li minhabba fih il-parti ma setghetx tidher biex tirrispondi ghall-kapitoli li saru kontra taghha" (**Kollez. Vol. XXXII P I p 693**);

Issokta jigi ritenut illi "ma tirrikorrix il-gusta kawza rikjesta mil-ligi f' kaz ta' negligenza jew traskuragni tal-kontumaci, anki jekk din tikkonsisti f' semplici dizattenzjoni; u dan mhux meta l-htija tkun tal-parti, izda anke meta tkun tad-difensur mandatarju tieghu" (**Kollez. Vol. XLI P I p 769**);

Premessi s-suesposti konsiderazzjonijiet ta' dritt *in subjecta materia* jokkorri li jigi ezaminat l-*iter* tal-kawza quddiem it-Tribunal biex jigi determinat jekk il-konvenuta appellanti gabetx raguni tajba u b' hekk iggustifikatx jew le il-kontumacja taghha. Kontumacja din li, kif jidher mill-parti operattiva tas-sentenza appellata, kienet il-bazi tar-ragonament u tal-konkluzjoni tat-Tribunal adit;

Mill-inkartament tal-process jirrizulta li sar dan il-perkors:

(1) Fid-9 ta' Jannar 2004 l-attrici appellata pprezentat kapitolu (fol. 6) u l-kawza giet allura differita ghas-subizzjoni tal-konvenuta appellanti;

(2) Fis-16 ta' Jannar 2004, kif jinsab verbalizzat fl-atti, dehret l-avukat difensur tal-konvenuta u din ikkontestat it-talba ghan-nom tal-patrocinata taghha stante li, kif jinghad, din ma dehretx ghax kellha incident. Il-kawza giet ghalhekk imhollija ghall-provi ghas-seduta sussegwenti;

(3) Fis-27 ta' Jannar 2004 il-konvenuta ma dehretx. Xehdet l-attrici u l-kawza giet deciza dakinhar. Jigi notat illi fl-atti ma nsibu ebda redazzjoni tal-kontenut ta' din ix-xhieda;

Stabbiliti l-premessi atti u verbali din il-Qorti taghmel dwarhom is-segwenti osservazzjonijiet:-

(1) Anke jekk ma nsibu l-ebda spjega fil-verbal ta' l-udjenza tas-16 ta' Jannar 2004 dwar in-nuqqas ta' apparenza tal-konvenuta fil-proceduri hlief biss ghar-

referenza generika ta' "incident", jidher car illi t-Tribunal accetta s-sottomissjoni tal-konsulent legali tal-konvenuta illi din kellha raguni tajba ta' legittimu mpediment u li allura l-assenza taghha ma kellhiex tigi ritenuta volontarja jew kolpuza. Dan hu indott mill-fatt illi t-Tribunal ghadda biex iddiferixxa l-kawza quddiemu ghall-provi;

(2) Jekk dan kien hekk il-kaz, u gjaladarba fl-udjenza sussegwenti tas-27 ta' Jannar 2004 l-attrici pprovdiet ix-xhieda taghha, huwa stran ghall-ahhar kif imbaghad it-Tribunal, li kellu jsostnih id-dispost ta' l-Artikolu 9 (2) (a) ta' l-Att V ta' l-1995 (Kapitolu 380), minflok ghadda ghal gudizzju bazat fuq din ix-xhieda u prova ta' l-attrici, adotta minflok il-konfessjoni prezunta tal-materja kapitolata biex ikkonkluda li l-konvenuta kellha titqies kontumaci. Dan, nonostante, li kif gja rilevat, hu stess kien accetta li l-konvenuta kienet gabet raguni gustifikattiva biex tikkonbatti l-kapitolu. JIsta' jkun li forsi t-Tribunal sab konfort fin-Nota ta' l-attrici (fol. 8) illi din effettivament ma kienet ko-involta fl-ebda incident ghax fil-fatt kienet fuq il-post tax-xoghol. Eppure l-ebda riflessjoni tal-*forma mentis* ta' l-aggudikatura, bazat fuq din in-Nota, ma tinsab dedotta fis-sentenza appellata; (3) Hi l-fehma ta' din il-Qorti illi gjaladarba t-Tribunal ammetta b' raguni tajba l-ispjegazzjoni moghtija mill-Avukat tal-konvenuta ma setax imbaghad jindetreggja lura u jiggudika l-kaz mhux fuq il-prova mressqa mill-attrici izda fuq il-bazi tal-kapitolu tad-9 ta' Jannar 2004. Tali metodu ta' aggudikazzjoni jaghmel is-sentenza priva minn kull fondament guridiku korrett u hu l-kaz li jinghad li s-sentenza hekk koncepita ghandha titqies nulla;

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet mhux il-kaz li din il-Qorti tinoltra ruhha fl-aggravji l-ohra sottomessi. Ser thalli pero` l-meritu mpregudikat ghall-istadju ulterjuri minn din l-istess Qorti kif hekk irid l-Artikolu 8 (4) tal-Kapitolu 380. Kull ma tista' taghmel ghalissa hu li tghaddi biex twarrab is-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-ewwel aggravju tal-konvenuta appellanti u b' hekk thassar u tannulla s-sentenza appellata.  Tiddifferixxi l-kawza ghat-23 ta' Frar 2005 biex tinstema skond il-ligi kif jipprovdi l-Att V ta' l-1995;

L-ispejjez gudizzjarji jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------